**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Pierguido Saliba)**

**vs**

**Liam Debono**

**Illum 21 ta' Gunju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Liam Debono** ta' tmintax (18) -il sena iben Anton u Charlotte nee Zammit, imwieled Pieta, Malta fl-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) u residenti 109, Triq Santa Marija, Zejtun detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 187301 (L) billi huwa akkuzat talli:

1. Fl-24 ta' Mejju 2019 ghall-habta ta' bejn il-17:30hrs u it-17:45hrs gewwa u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, saq vettura

tal-ghamla Fiat Uno bin-numri tar-registrazzjoni CAS 659 fit-triq kemm – il darba ghall-uzu ta' din il-vettura minnu, ma kinitx fis-sehh b'polza ta' assikurazjoni dwar ir-riskji ta' terzi. *Artikoli 3(1) tal-Kap 104 tal-ligijiet ta' Malta;*

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numri tar-registrazzjoni CAS 659 meta ma kellux licenzja tas-sewqan. *Artikoli 15(1),(a) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta;*

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. J. Mifsud LLD datata 10 ta' Lulju 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi u fil-granet ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali Imhallef Dr. A. Mizzi LLD fid-digriet tieghu tat-28 ta' Settembru 2018 li bih ta il-helsien mill-arrest taht depozitu ta' 10,000 Euro u garanzija personali ta' 40,000 Euro. *Artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;*

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr. J. Mifsud LLD fl-10 ta' Lulju

2018 fejn gie skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-zmien hames snin, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

6. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gia kien gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-skwalifika milli jkollu jew jottjeni il-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perjodu li jidrilha xieraq.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tordna lill-akkuzat ihallas ghall-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu ma l-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ulterjorment ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tordna il-konfiska tal-corpus delicti u ċioe il-vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numri tar-registrazzjoni CAS 659.

Rat l-atti processwali kollha u d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li d-difiza iddikjarat li ma kellix provi xi tressaq f'dan il-kaz.

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma kinux sejrin jaghmlu trattazzjoni u li kienu sejrin jistriehu fuq l-atti u li lanqas kienu sejrin jittrattaw dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

**RIJASSUNT TAX-XHIEDA PRODOTTI**

**PS 1337 Kevin Curmi** (Fol. 12 et seq) xehed li nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2019 kien ghaddej isuq minn Vjal l-Avjazzjoni, qrib ir-roundabout tal-airport. F'hin minnhom lemah vettura li kienet ghaddejja taqsam minn quddiemu u x-xhud gharaf lix-xufier bhala Liam Debono, l-imputat prezenti fl-awla. L-imputat kien liebes nuccali tax-xemx. Spjega li huwa kien jaf lil Liam Debono ghax kien parti mit-tim investigattiv li hadem fuq il-kaz tal-Pulizija Simon Schembri u allura kellu konoxxenza tal-istess Debono. Ix-xhud kompla jghid li huwa saq wara din il-vettura u hekk kif gie wara l-vettura innota li kien hemm persuna ohra n-naha tal-passiggier. Huwa ghamel kuntatt mal-Control Room tal-Pulizija u tahom id-dettalji kollha rilevanti ghall-kaz. Il-Control Room qabbduh direttament mal-Pulizija tal-RIU li kienu fl-inhawi. Ix-xhud spjega li huwa baqa' l-hin kollu f'kuntatt ma' tal-RIU precizament is-Surgent Nigel Mallia u fl-istess hin baqa' jsegwi l-vettura Fiat Uno li kien qed isuq Debono. Il-Pulizija tal-RIU

ghaddew magenb il-vettura ta' Debono pero ma indunawx bil-vettura in kwistjoni. F'dan il-punt ix-xhud kompla jispjega li Debono deher li induna bil-presenza tal-Pulizija u kiser ghal triq ohra b'mod li l-kuntatt vizwali tax-xhud intilef ghal sekonda jew tnejn. Ix-xhud kiser ghal gol-istess triq u kif kiser ra l-vettura ipparkjata fin-nofs. Il-persuna li kienet fuq in-naha tax-xufier kienet qed taqbez mis-seat tax-xufier ghan-naha tal-passiggier. Il-persuna l-ohra li kien fil-karozza x-xhud ma lahqux hiereg min-naha tal-passiggier pero rah sejjer bil-mixi lejn il-bieba tax-xufier biex jidhol fil-vettura. Ix-xhud sostna li kellu clear vision li l-persuna li kienet in-naha tax-xufier qabzet ghan-naha tal-passiggier.

Ix-xhud kompla jispjega li huwa waqqaf il-karozza u mar fuq in-naha tal-passiggier. Hemmhekk sab lill-imputat u ordnalu johrog mill-vettura. Il-persuna l-ohra kienet ghadha ma dahlitx fil-vettura. Din il-persuna imbaghad giet identifikata bhala Jason Zammit.

Mistoqsi jekk Jason Zammit qalx xi haga lill-Pulizija, ix-xhud wiegeb li kien sema' lil Jason Zammit jammetti mal-Pulizija li Debono kien qieghed isuq. Zammit qal li Debono kien harrek biss il-karozza ghax kien hemm il-htiega li titharrek il-vettura u dan sakemm huwa kien hareg jixtri. Imbaghad Debono kien kompla jsuq ghal xi zewg minuti.

F'seduta sussegwenti **<u>PS 1337 Kevin Curmi</u>** (Fol. 48 et seq) ipprezenta ritratt li kien ha hu bil-mobile tieghu. Kjarifika wkoll li

l-vettura li kien qed isegwi kellha n-numri CAS 659 u mhux CAS 695. Ix-xhud gie muri ritratt esebit minn Brandon Pisani u ikkonferma li Debono kien liebes il-hwejjeg li jidhru fir-ritratt kif wkoll kellu n-nuccali tax-xemx li gie esebit fl-atti.

**<u>L-Ispettur Fabian Fleri</u>** (Fol. 23 et seq) spjega li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2019 gie infurmat li Liam Debono kien ghadu kemm twaqqaf ghaliex kien qed isuq vettura. L-Ispettur tkellem mas-Surgent 1337 li kien involut u ta struzzjonijiet biex Debono jigi arrestat. Il-persuna li kien ma' Debono u cioe Jason Zammit gie arrestat wkoll u l-vettura tnizzlet id-Depot tal-Pulizija. Waqt li kien qieghed jigi mitkellem Jason Zammit, huwa ammetta li kien qed isuq Debono. Pero wara li ikkonsulta ma' Avukat tal-fiducja tieghu, Zammit ma bediex iwiegeb domandi.

Liam Debono gie mitkellem mill-Pulizija wara li inghata d-drittijiet legali kollha tieghu. Huwa innega li kien qed isuq il-Fiat Uno. Rigward it-Toyota qallu li kien saqha go dahla ta' garaxxijiet f'Hal Tarxien li hija zona privata.

L-Ispettur kompla jispjega li huwa kien saqsa lill-missier l-imputat fejn kien qieghed jirrisjedi Debono. Missier l-imputat qal li mhux dejjem Debono kien qieghed jorqod id-dar izda gieli kien qieghed jorqod ghand Jason Zammit. Min-naha tieghu Zammit ma ammettiex li Debono kien qieghed jorqod ghandu u meta rinfaccjat

bil-fatt li missier Debono stess kien qal li kien qiegħed jorqod għand Zammit, l-istess Zammit ma weġibx aktar mistoqsijiet.

L-Ispettur xehed wkoll li Debono irrilaxxa stqarrija awdjo-vizwali fejn Debono għażel li ma jirrispondi għall-ebda domanda li saritlu. Rigward il-Fiat Uno, l-Ispettur wieġeb li din kien għadha tgħajjat lil certu Brian Abela peress li kien għadu ma sarx it-transfer għal fuq isem Jason Zammit. Ix-xhud indika wkoll l-kundizzjonijiet li kellu Debono rigward il-ħelsien mll-arrest, li kien hemm fis-seħħ probation order fir-rigward tal-imputat u li l-istess imputat kien skwalifikat milli jkollu liċenzja.

Fis-seduta tal-ħamsa (5) ta' Ġunju 2019, **l-Ispettur Fabian Fleri** ikkonferma l-identita' tal-imputat in konnessjoni mas-sentenza mogħtija mill-Qorti fl-għaxra (10) ta' Lulju 2018 peress li huwa kien l-uffiċjali prosekutur f'dik il-kawża. L-istess Spettur għaraf wkoll l-imputat Liam Debono prezenti fl-awla bħala l-istess imputat li fil-konfront tiegħu kienet ingħatat is-sentenza tal-għaxra (10) ta' Lulju 2018.

**Dr Marisa Mifsud** (Fol. 38) ipprezentat t-traskrizzjoni tal-interrogazzjoni ta' Liam Debono minn fejn jirriżulta li Debono ma wieġeb għall-ebda mistoqsija li saritlu.

**Brandon Pisani** (Fol. 46) esebixxa ħames ritratti li kienu ġew mgħoddija lilu dwar l-arrest ta' Liam Debono.

**Stephen Cachia** (Fol. 52 et seq) xehed rigward lil min jghajtu tlett (3) vetturi partikolari. Huwa spjega li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAS 659 hija vettura tat-tip Fiat Uno ta' lewn griz u li hija registrata fuq isem Brian Abela. Il-vettura bin-numru CCL 438 tal-ghamla BMW ta' kulur abjad kienet registrata fuq isem Noella Zammit filwaqt li l-vettura KBE 476 tal-ghamla Toyota Corsa ta' lewn abjad hija registrata fuq isem Kirsty Zammit.

**L-Ispettur Pierguido Saliba** (Fol. 70 et seq) ipprezenta sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-ghaxra (10) ta' Lulju 2018, l-ordni tal-hatra tal-probation officer u kopja tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li inghataw mill-Qorti tal-Appell Kriminali fir-rigward ta' Liam Debono. L-Ispettur gharaf lill-imputat bhala l-persuna li ghalih kienu jirreferu l-kundizzjonijiet dwar il-helsien mill-arrest.

Fis-seduta tal-hama (5) ta' Gunju 2019, **l-Ispettur Saliba** (Fol. 98 et seq) ipprezenta kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Minorenni deciza fit-30 ta' Novembru 2016 kif wkoll il-polza ta' assikurazzjoni ghall-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAS 659. Din il-polza ta' assikurazzjoni kienet fuq isem Brian Abela u kienet tkopri biss lil xufiera li ghandhom aktar minn sitta u tletin (36) sena.[1]

[1] Ghalkemm ir-rapprezentant tal-kumpanija tal-assikurazzjoni ma xehdx biex jikkonferma l-awtenticita tad-dokument, id-difiza fil-verbal tal-hamsa (5) ta' Gunju ezentat lill-prosekuzzjoni milli taghmel din il-prova.

**<u>Margaret De Battista</u>** (Fol. 73 et seq) xehdet li Carmen Nygaard ma kienet dahlet l-ebda nota dwar l-andament tal-probation tal-imputat Liam Debono, liema nota kellha tidhol fiz-zmien sitt (6) xhur mis-sentenza.

**<u>Carmen Nygaard</u>** (Fol. 100 et seq) xehdet li hija kienet il-probation officer li kienet qed issegwi lill-imputat in segwitu ghall-probation order li kienet inghatat permezz ta' sentenza tal-ghaxra (10) ta' Lulju 2018. Mistoqsija ghalfejn ma kinitx dahlet in-nota kull sitt xhur, ix-xhud spjegat li hija kienetipprezentat in-nota fil-*one stop shop*. Pero jidher li tali nota intilfet. Ikkonfermat li hija kienet hadet samples tal-urina tal-imputat. Pero minhabba direttiva tal-Union hija ma kinitx segwiet lill-imputat bejn it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru 2018 u l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2019. Ix-xhud ikkonfermat wkoll li sample tal-urina li hija kienet hadet f'April 2019 kienet tat rizultat pozittiv ghall-kannabis.

**<u>Eunice Grech Fiorini</u>** (Fol. 109 et seq) xehdet fil-kwalita taghha ta' Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali. Hija spjegat li minn verifiki li ghamlet fis-sistema ma rrizultax li kien dahal xi rapport tul ix-xahar ta' Jannar 2019 b'rabta mal-imputat Liam Debono. L-unici rapport li dahlu fil-konfront ta' Liam Debono kienu wiehed fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju 2018 u l-iehor fit-tletin (30) ta' Mejju 2019.

**Brian Abela** (Fol 114 et seq) xehed li l-vettura CAS 659 hija registrata fuqu u li hu kien bieghha lil certu Jason minn Hal Tarxien. Spjega li Zammit kien ghadu ma ghamilx it-transfer tal-vettura. Abela gharaf lil Liam Debono fl-awla. Qal li jafu pero mhux ghax ghamel xi deal mieghu fuq il-vettura. Insista li l-vettura kien biegha lil Jason.

**Anton Debono** (Fol. 118) ghazel li ma jixhidx peress li huwa jigi missier l-imputat.

**PC 598 Justin Axisa** xehed li fis-sitta (6) ta' Mejju 2019 waqt li kien qieghed isuq il-vettura privata tieghu fi Triq Toni Zahra, iz-Zejtun lemah vettura tal-ghamla BMW CCL 438 gejja mid-direzzjoni opposta tieghu. Dan kien se jibqa' diehel go fih u ghamel manuvra u skapulah. Spjega li din il-vettura kien qieghed isuqha Liam Debono, li x-xhud gharfu bhala l-imputat prezenti fl-awla. Ix-xhud kompla jistqarr li huwa tefa' mal-genb u ghamel kuntatt mal-Control Room tal-Pulizija u ghaddihielhom din l-informazzjoni. Ix-xhud ma kompliex miexi wara din il-vettura. Mistoqsi in kontro-ezami kif kien jaf li l-persuna li kien qieghed isuq kien Liam Debono, ix-xhud wiegeb li lil Liam kien rah fuq l-ahbarijiet u barra minn hekk gieli rah wicc imb'wicc ghax gieli jaghmel skorti mal-Habs. Meta rah wicc im'wicc kien anqas minn tlett metri imbieghed. Ikkonferma wkoll li Debono la kellu beritta u lanqas nuccali tax-xemx. Fil-hin li sehh dan il-kaz, Axisa kien pajzan.

**PC 601 Justin Spiteri** (Fol. 128 et seq) xehed li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2019 huwa kien ronda fl-inhawi tal-Marsa meta gie infurmat mill-Control Room tal-Pulizija li Pulizija li kien off duty kien qed isegwi vettura li kienet qed tinstaq minn Liam Debono meta dan mhux suppost kien qieghed isuq. Ix-xhud qal li huma gew infurmati li l-vettura involuta kienet Fiat Uno bin-numru CAS 659 u beda l-hin kollu jinghata informazzjoni rigward id-direzzjoni li kienet qed tinstaq il-vettura. Qabel mal-unit tieghu lahqet waslet fuq il-post, huwa gie infurmat mid-Depot li l-vettura in kwistjoni kienet twaqqfet fi Triq Mikelang Sapiano. X'hin wasal fit-triq in kwisjtoni, ix-xhud spjega li kien hemm Liam Debono (li x-xhud gharfu bhala l-imputat fl-awla) barra mill-vettura kif wkoll persuna ohra li imbaghad gie identifikat bhala Jason Zammit. Karozza ohra tal-Pulizija kienet gia qieghda fil-post peress li kienet waslet qabilhom. Debono gie arrestat u inghata d-drittijiet tieghu. Zammit gie ordnat li jsuq il-vettura lejn id-Depot u x-xhud skorta lill-istess Zammit ghad-Depot. Ix-xhud ikkonferma wkoll li hu kien prezenti ghall-istqarrija li ittiehdet lil Liam Debono.

**PS 674 Nigel Mallia** (Fol. 133 et seq) xehed li li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2019 dahlet informazzjoni fuq ir-radio tal-Control Room li Surgent tal-Pulizija Kevin Curmi kien qed isegwi lil Liam Debono li kien qed isuq vettura tat-tip Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni CAS 659. Min-naha tal-Control Room huwa talab li jghadduh mieghu permezz tal-mobile. Dan Curmi baqa' jaghtih struzzjonijiet fl-liema direzzjoni kien qed isuq Debono. Kien beda

jsuq warajh minn fejn ir-roundabout tal-Ajruport sa Triq Mikelang Sapiano f'Hal-Luqa. Mallia kien wkoll qed jghaddi din l-informazzjoni lill-kollegi ohra fir-Rapid Intervention Unit. F'hin minnhom jidher li Debono intebah bil-presenza tal-Pulizija li kienu qeghdin fl-akkwati. Dan waqaf mal-genb fi Triq Mikelang Sapiano. Units tal-Pulizija intbaghtu f'din it-triq fejn sabu lis-Surgent Curmi. Ix-xhud temm jghid li huwa baqa' fuq il-linja mas-Surgent Curmi sakemm waslet l-ewwel vettura tar-RIU.

**PC 1129 Adrian Elich** (Fol. 136 et seq) xehed li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2019 kien qieghed patrol u gie infurmat li Pulizija pajzan kien ra lil Liam Debono isuq vettura Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni CAS 659. Hu beda jinghata informazzjoni fl-liema direzzjoni kien qed isuq Debono sakemm imbaghad gie infurmat li Debono kien waqaf fi Triq Mikelang Sapiano f'Hal-Luqa. Kif wasal fuq il-post sab lis-Surgent Kevin Curmi fuq barra quddiem Liam Debono u kien hemm Jason Zammit fil-vettura li kien qieghed jirriversja l-istess vettura. Ix-xhud kompla jghid li huwa ghajjat lir-ragel li kien qed isuq il-vettura u l-Pulizija infurmah li Debono ma setax isuq. Dan ir-ragel li eventwalment gie identifikat bhal Jason Zammit qal lill-Pulizija biex ma jkissruhx. Kompla jghidilhom li kullma ghamel Debono kien li resaq bicca zghira ghax kienu fil-pompa tal-petrol u imbaghad kien baqa' jsuq. Qal li kien qed izommu mieghu biex jipprova jgibu f'postu. Ix-xhud kompla jghid li lil Zammit staqsieh fuq isem min kienet il-vettura u dan wiegeb li kien ghadu kemm iltaqa' ma' min kien beghhielu biex jiffirmalu l-

log book tal-vettura biex imbaghad jkun jista' jdahhal it-trasferiment tal-vettura ghand Transport Malta. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi qal li mill-post fejn kien twaqqaf Debono ghall-eqreb pompi tal-petrol kien hemm ftit distanzi mhux hazin.

**PC 869 Kurt Gauci** (Fol 141 et seq) xehed li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2019 kien xoghol ma' PC 1129. Ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija (17.30hrs) dahlet telefonata mill-Control Room tal-Pulizija fejn infurmawhom li kien hemm Pulizija pajzan li kien qed jigri wara vettura li fiha kien hemm Debono. Huma marru fid-direzzjoni li gew moghtija u f'hin minnhom gew infurmati li Debono kien dahal fi Triq Mikelang Sapiano. X'hin waslu fuq il-post sabu lil Liam Debono barra mill-vettura u lil Jason Zammit jirriversja l-vettura tat-tip Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni CAS 659. Ix-xhud temm jghid li huwa mar fejn Debono filwaqt li siehbu l-Pulizija mar fejn Zammit biex lit-tnejn li huma jifirduhom minn xulxin.

**Kirsty Zammit** (Fol 144 et seq) xehdet li hija ghandha fuq isimha Toyota Corsa bin-numru KBE 476. Il-BMW qieghda fuq ohtha u din ghandha n-numru tar-registrazzjoni CCL 477. Hija qalet li dawn iz-zewg vetturi issuqhom hi. Spjegat li t-Toyota attwalment hija bil-hsara. Missierha kien habat biha. Spjegat li l-BMW xtratu minghand missierha u kemm ilha ghandha din il-vettura hija saqitha u qatt ma saqhom haddiehor. Ix-xhud sostniet li dawn iz-zewg vetturi dejjem ikunu l-garaxx jekk ma tkunx qed tuzahom hi.

Hija kienet certa minn dan ghax ic-cwievet tal-vetturi inkluzi l-ispares jkunu ghandha. Mistoqsija li kien hemm Pulizija li ra vettura minnhom tinstaq minn persuna ohra, ix-xhud baqghet tinsisti li c-cwievet kienu dejjem jkunu ghandha. Mistoqsija jekk sakemm il-BMW kienet ghadha ghand missierha Jason Zammit, missierha kienx qata' xi cavetta ohra x-xhud wiegbet li ma kinitx taf.

**<u>Jason Zammit</u>** (Fol. 152 et seq) beda biex qal li huwa u Liam Debono kienu twaqqfu mill-Pulizija meta kienu Hal Luqa. Ma ftakarx il-gurnata meta kienet. Pero ftakar li kienu l-hamsa neqsin kwart ta' filghaxija (16.45hrs). Spjega li kienu gejjin min-naha ta' Hal Tarxien. Minn Hal Tarxien ghal fejn l-Airport ghaddew mill-Gudja. Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk x'hin telqu minn Hal Tarxien kinux waqfu x'imkien, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi min kien qed isuq, ix-xhud ghazel li ma jwegibx biex ma jinkriminax ruhu.

B'riferenza ghall-vetturi l-ohra t-Toyota Corsa u l-BMW, ix-xhud qal li t-Toyota qieghed fuq isem Kirsty u li l-BMW irid jiddawwar fuq Kirsty wkoll. Ikkonferma li huwa gieli saq dawn il-vetturi u kien anke habat bit-Toyota. Ikkonferma wkoll li Debono gieli rikeb mieghu u li dejjem hu kien saq meta Debono kien mieghu. Kompla jghid li fit-triq dawn iz-zewg vetturi Debono qatt ma saqhom. Gieli saqhom fejn il-garaxx f'art privata kemm idawwar il-vettura biex jahsluhom. Mistoqsi c-cwievet tal-vetturi ghand min ikunu, ix-xhud wiegeb li hu kellu c-cwievet taghhom. Ikkonfrontat bil-verzjoni li tat bintu li c-cwievet dejjem jkunu ghandha, ix-xhud qal

li gieli kien ikollu c-cwievet biex johrog vettura biex idahhal ohra. Kien hemm okkazzjonijiet fejn it-tifla hallietlu c-cwievet ghas-service, xi hsara jew puncture u ghalhekk mhux dejjem dawn kienu jkunu ghandha.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti sejra issa tghaddi biex taghmel l-analizi taghha tal-akkuzi li qeghdin jigu addebitati lill-imputat u dan fid-dawl ta' dak li hareg mill-atti processwali.

**Kunsiderazzjonijiet Generali dwar il-Livell tal-Prova Rikjest fi Proceduri Kriminali**

Kif gia kellha opportunita tirrimarka din il-Qorti fi proceduri ohra, il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.[2]

Sabiex jkun hemm dikjarazzjoni ta' htija l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza

[2] Manzini, Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890

ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sebgha (7) ta' Settembru 1994 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Philip Zammit et*** fejn l-istess Qorti ghamlitha cara li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat: id-dubju irid ikun wiehed dettat mir-raguni. Kif kompliet tghid il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-hamsa (5) ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer** dubji ombra ma jistghux jitqiesu li huma dubji dettati mir-raguni u ghalhekk ma jistghu jwasslu qatt ghal-liberatorja. Dak li fl-ahhar mill-ahhar il-Gudikant irid jasal ghalih hu – wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha tal-kaz u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu – konvinciment morali tal-fatti li tkun trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*[3]

[3] 1974 - 2 ALL ER 372

Kunflitt fil-provi imressqa m'ghandux bil-fors iwassal ghal-liberatorja tal-imputat. Infatti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet issegwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Meta rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kuntrastanti, gudikant jista' jew ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruva u allura jghaddi sabiex jillibera l-imputat jew inkella ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni u jekk tali verzjoni tkun twassal ghall-htija tal-imputat jghaddi biex jiddikjara tali htija.[4]

[4] Ara sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Martin Mark Cutajar deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-disgha (9) ta' Settembru 2002.

Ta' rilevanza ghall-kaz odjern huwa dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Pace** deciza fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru 2013:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz talArtikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

**Punt iehor kardinali huwa li l-Qorti trid tasal ghall-gudizzju taghha unikament u esklussivament minn dak li jirrizulta mill-Atti. Cirkostanzi ohra li huma barra mill-ambitu tal-istess process, inkluz izda mhux limitat ghall-percezzjoni pubblika u dak li jinghad fuq il-media socjali, m'ghandhom qatt la jghinu u lanqas b'xi mod jikkundizzjonaw lill-gudikant biex jasal ghall-gudizzju tieghu. Ghalhekk jekk il-prova adegwata ma issirx, il-Qorti ma tista qatt tasal biex issib htija fl-imputat u dan irrispettivament minn dak li tkun tahseb l-opinjoni pubblika.**

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz in ezami dak li jrid jigi stabbilit qabel xejn huwa jekk fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju ta' din is-sena ghall-habta ta' bejn il-hamsa u nofs u s-sitta neqsin kwart ta' filghaxija l-imputat kienx qieghed isuq il-vettura Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni CAS 659. Fuq dan il-punt jistriehu l-akkuzi kollha li qieghda tressaq il-prosekuzzjoni.

Din il-Qorti fliet u ezaminat fid-dettal l-atti processwali kollha u tistqarr li m'ghandha ebda ezitazzjoni biex temmen fl-intier taghha d-deposizzjoni moghtija mis-Surgent PS 1337 Kevin Curmi. Abbazi ta' din id-deposizzjoni l-Qorti hija <u>**moralment konvinta u certa**</u> li l-imputat fid-data tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju 2019 kien qed isuq il-vettura FIAT Uno bin-numru tar-registrazzjoni CAS 659. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni taghha abbazi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) Ix-xhieda li ta s-Surgent Curmi kienet wahda <u>**preciza u dettaljata**</u>. Ibda biex huwa spjega fid-dettal kif huwa kien lemah lil Debono jsuq vettura. Dan l-avvistament sar b'kumbinazzjoni meta l-vettura ta' Debono qasmet minn quddiemu. Is-Surgent spjega kif il-persuna li kien qieghed isuq kien attiralu l-attenzjoni ghax kien qieghed baxx fis-seat. Minkejja li Debono kien liebes nuccali, is-Surgent gharaf lil Debono ghaliex kellu konoxxenza diretta tieghu b'rabta mal-

kaz ta' Simon Schembri peress li kien parti mit-tim investigattiv li hadem fuq l-istess kaz;

(b) Kuntrarjament ghal dak li ghamel PC 658 Justin Axisa meta lemah lil Liam Debono isuq f'okkazzjoni precedenti izda ma baqax isuq warajh, is-Surgent Curmi baqa' jsegwi l-istess vettura filwaqt li informa l-Control Room tal-Pulizija. Kif spjega tajjeb l-istess xhud, huwa baqa' f'kuntatt viziv mal-istess vettura u indika mil-liema toroq precizi kien ghaddej l-istess Debono. Dan il-punt huwa korraborat anke minn Jason Zammit li ghalkemm ma tax indikazzjoni min kien qed isuq il-vettura, ikkonferma li hu u Debono kienu ghaddejjin mill-istess direzzjoni li kien indika s-Surgent Curmi;

(c) Ghalkemm il-kuntatt viziv ta' Curmi intilef ghal zewg sekondi meta l-vettura li kien qed isuq Debono kisret ghal go Triq Mikelang Sapiano u dan meta Debono induna bil-presenza tal-Pulizija fl-inhawi, Curmi mill-ewwel kiser ghal go din it-triq u fil-pront lemah lix-xufier jaqbez ghan-naha tal-passiggier filwaqt li l-persuna l-ohra – li imbaghad irrizulta li kien Jason Zammit - kien barra mill-vettura sejjer fid-direzzjoni tal-bieba tax-xufier. F'dan il-punt Curmi waqqaf il-vettura tieghu u mar dritt fuq il-vettura ta' Debono. Dak il-hin Zammit kien ghadu ma dahalx fis-seat tax-xufier;

(d) Ix-xhud ikkonferma wkoll il-hwejjeg li kellu l-imputat meta gie muri r-ritratti li kienu ittiehdu waqt il-mument tal-arrest minn persuna jew persuni li ghaddew l-istess ritratti lill-Public Broadcasting Services;

(e) Fil-mument tal-arrest kien hemm il-konfessjoni ta' Jason Zammit – li mhux parti f'dawn il-proceduri – li ammetta mal-Pulizija PC 1129 Adrian Elich (liema dikjarazzjoni semaghha anke PS 1337 Kevin Curmi) li effettivament Liam Debono kien qieghed isuq;

(f) Id-difiza ma ressqet l-ebda prova li b'xi mod tinnewtralizza din il-prova li ghamlet il-Prosekuzzjoni. Infatti lanqas biss ghamlet il-kontro-ezami ta' PS 1337 Kevin Curmi. Huwa minnu li l-fatt li ma sarx il-kontro-ezami ma ghandux jitqies li jammonta ghall-accettazzjoni ghamja da parti tad-difiza tal-verzjoni moghtija minn PS 1337 Kevin Curmi. Pero minn naha l-ohra l-fatt li ma sarx tali kontro-ezami huwa indikattiv li ma kienx hemm punti f'din ix-xhieda li ma kinux jaghmlu sens jew inkella li ma kinux cari jew inkella precizi. Il-Qorti ghalhekk ma tistax ma tihux in kunsiderazzjoni wkoll dan il-fatt sabiex tasal ghall-gudizzju taghha;

Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tfahharx r-responsabbilita li wera PS 1337 Kevin Curmi f'dan il-kaz li minkejja li ma kienx qieghed fuq xoghol ufficjali xorta qeda fedelment l-inkarigu tieghu bhala

ufficjali pubbliku b'mod li wassal sabiex jigi solvut dan il-kaz. Hafna drabi tinghata wisq prominenza meta xi Pulizija jew xi membru iehor ta' korp dixxiplinat jispicca l-Qorti minhabba ksur ta' ligi li huwa suppost jkollu l-obbligu li jara li ma jsirx. Sfortunatament ma jigrix l-istess meta Pulizija jew membru ta' xi korp dixxiplinat jaqdi l-inkarigu tieghu anke barra mill-hinijiet stabbiliti tax-xoghol tieghu. Dan juri mhux biss sens civiku qawwi da parti tas-Surgent Curmi izda rispett lejn l-uniformi u ghall-inkarigu li huwa ghandu sabiex jipprotegi s-socjeta bhala ufficjal pubbliku.

Stabbilit il-punt krucjali li l-imputat kien qed isuq il-vettura tat-tip Fiat Uno bin-numru CAS 659 fid-data, hin u post indikati fl-akkuzi, il-Qorti sejra tghaddi issa biex tezamina l-imputazzjonijiet precizi li gew addebitati fil-konfront tal-imputat.

## A. <u>Sewqan Minghajr Polza ta' Assikurazzjoni dwar Riskji ta' Terzi</u>

Fit-termini tad-dokument PS 7 esebit fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Gunju 2019, huwa car li minkejja li l-vettura CAS 659 kienet assikurata sabiex din tinstaq fit-triq, l-assikurazzjoni ma kinitx tkopri sewwieqa taht is-sitta u tletin (36) sena.[5] Mill-atti jirrizulta li Debono kien ghadu kemm ghalaq it-tmintax -il sena ftit granet

[5] Ara Dokument PS 7 a fol. 169.

qabel ma sehh il-kaz.[6] Ghalhekk meta huwa saq din il-vettura li kienet koperta b'din it-tip ta' assikurazzjoni, huwa kiser l-istess kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni b'mod li ghall-fini tal-kamp penali irrendieha ineffettiva. Din l-imputazzjoni ghalhekk tirrizulta li hija ippruvata.

Ghall-fini tal-piena applikabbli, din sejra tigi diskussa aktar 'l quddiem f'din is-sentenza taht il-parti tas-sentenza li tikkoncerna l-ksur tal-Ordni tal-Probation.

**B. <u>Sewqan Minghajr Licenzja</u>**

Din it-tieni imputazzjoni wkoll tirrizulta ippruvata peress li fit-termini ta' sentenza datata ghaxra (10) ta' Lulju 2018 moghtija minn din il-Qorti stess, l-imputat kien gie skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' hames (5) snin minn dik id-data. Meta sehh dan il-kaz, dan il-perijodu kien ghadu ma ghaddiex. Anzi ghandu jinghad li lanqas biss kienet ghadha ghaddiet l-ewwel sena minn dik l-iskwalifika.

Ghall-fini tal-piena applikabbli, din sejra tigi diskussa aktar 'l quddiem f'din is-sentenza taht il-parti tas-sentenza li tikkoncerna l-ksur tal-Ordni tal-Probation.

[6] Ara Dokument PGS 1 a fol. 8.

### C. **<u>Ksur tal-Provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446</u>**

L-Artikolu 7(7) jistabilixxi tal-Kap. 446 li: *"Qabel ma tagħmel l-ordni ta' probation, il-qorti għandha tfisser lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni inkluża kull ħtieġa addizzjonali li tkun qed tiġi proposta li tiddaħħal fl-ordni taħt is-subartikolu (3), is-subartikolu (4), is-subartikolu (5) jew is-subartikolu (6), u li jekk il-ħati jonqos milli jikkonforma ruħu magħha* ***<u>jew jagħmel xi reat ieħor</u>****, il-ħati jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali. Jekk il-ħati ma jkollux inqas minn erbatax -il sena, il-qorti m'għandhiex tagħmel l-ordni kemm -il darba l-ħati ma jesprimix ir-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-ordni."*

L-Ordni ta' Probation kienet giet moghtija minn din il-Qorti kif komposta b'sentenza datata ghaxra (10) ta' Lulju 2018 u kienet giet moghtija ghall-perijodu ta' tlett (3) snin minn dik is-sentenza. Il-Prosekuzzjoni esebiet kemm kopja tas-sentenza moghtija fil-konfront ta' Liam Debono kif wkoll ikkonfermat li r-riferenza ghal Liam Debono f'dik is-sentenza kienet ghall-istess Liam Debono li huwa imputat f'din il-kawza.[7]

Wahda mill-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation li kienet giet imposta kienet li l-hati ma jaghmilx reat iehor. Bis-sejbien ta' htija fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet l-imputat ghalhekk gie li kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-ordni tal-probation li giet moghtija lilu u dan fiz-zmien meta l-ordni tal-probation kienet

[7] Ara xhieda tal-Ispettur Fabian Fleri a fol. 112

ghadha effettiva.  Ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta wkoll pruvata.

Il-fatt li l-imputat kiser l-ordni tal-probation sejjer iwassal biex din il-Qorti timxi mal-imputat bhal li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati issa minn din il-Qorti tal-imputazzjonijiet li kienu jikkoncernaw il-kawza tal-ghaxra (10) ta' Lulju 2018.  Dan sejra taghmlu din il-Qorti stess stante li kienet din il-Qorti li imponiet l-ordni ta' probation.

Fil-proceduri li din il-Qorti kienet iddecidiet fl-ghaxra (10) ta' Lulju 2018, l-imputat fuq ammissjoni tieghu kien instab hati ta' diversi reati precizament:

(a) li seraq mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAL 029, liema serq kienn aggravat bil-mezz, bl-ammont, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

(b) li baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis tal-vettura tal-ghamla Maruti bin-numru tar-registrazzjoni HAS389;

(c) li biddel, irranga mill-gdid jew hassar marka tarregistrazzjoni tal- vettura u cioe numru tar-registrazzjoni HAS389, jew xort ohra baghbas mal-pjanci tar-registrazzjoni ta' vettura bil-mutur;

(d) li saq vettura minghajr polza ta' assikurazzjoni u minghajr licenzja;

(e) Li laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe vetturi tal-ghamla Maruti bin-numri tar-registrazzjoni HAS389, tal-ghamla Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni FAA195 u il-mutur tal-ghamla Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAL029, li il-valur taghhom jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u disghin centezmu (€232.90);

(f) Li kiser il-provedimenti ta' sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr. Doreen Clarke LLD fil-tletin (30) ta' Novembru 2016 fejn gie skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-zmien sena, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Fejn tidhol il-piena applikabbli ghar-reat tas-serq ikkwalifikat bil-mezz trid issir riferenza ghall-artikolu 278 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jistabilixxi li:

*"(1) Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il- piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.*

*(2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha.*

***(3) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-minimum tagħha."***

Fil-kaz odjern ghalhekk ghall-fini ta' imposizzjoni ta' piena japplika s-sub-inciz tlieta (3) ta' dan l-artikolu.

Ghar-rigward il-piena ghar-reat tar-ricettazzjoni, tapplika wkoll il-piena tas-serq skont il-valur tal-haga u dan fit-termini ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 334 tal-Kap. 9.

Ghar-rigward l-imputazzjoni kontemplata fl-artikolu 298D tal-Kap. 9 u cioe meta imputat jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis tal-vettura, tali artikolu jistabilixxi li l-piena applikabbli f'kaz ta' dikjarazzjoni ta' htija ghandha tkun *"piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew għall-multa ta' mhux inqas minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) u mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien."*

Il-Ksur tar-Regolament 44(1) u (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 cioe meta imputat ibiddel, jirranga mill-gdid jew hassar marka tar-registrazzjoni ta' vettura jew xort ohra ibaghbas mal-

pjanci tar-registrazzjoni ta' vettura bilmutur jattira piena ta' *"multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, sakemm ma tkunx tapplika penali ogħla taħt xi liġi oħra, f'liema każ il-Qorti għandha tapplika dik il-penali oħra jew din il- penali mizjuda bi grad jew b'żewġ gradi, skont liema waħda hi l- ogħla."*

Fil-kaz ta' ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 dwar sewqan minghajr polza ta' assikurazzjoni, il-legislatur jaghti klassifikazzjoni ta' piena, skont jekk tali reat jkunx sar ghall-ewwel darba jew le. It-tieni (2) sub-inciz ta' dan l-artikolu jaghmilha cara li:

(2) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati –

(a) fil-kaz tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux izjed minn tliet xhur, jew il-multa u l- priġunerija flimkien;

(b) fil-kaz tat-tieni reat, multa ta' mhux anqas minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) iżda ta' mhux iżjed minn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) jew

priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;

(**ċ) fil-każ tat-tielet reat jew iktar, multa ta' mhux anqas minn ħamest elef, tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) iżda ta' mhux iżjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, jew il-multa u l- priġunerija flimkien,** u –

(i) meta r-reat ikun jikkonsisti fl-użu ta' vettura bil- mutur fi triq minn min ikun sid il-vettura bil- mutur jew minn impjegat ta', jew minn membru tal-familja ta' u li jkun jgħix ma', sid il-vettura bil-mutur, u ma jkunx hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni dwar din il-vettura skont ma għandha tkun taqbel mal-ħtiġijiet ta' din l- Ordinanza, il-qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f 'dan is-sub-paragrafu, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur;

(ii) (ii) meta r-reat, kif imsemmi, jitwettaq minn xi ħaddieħor, il-qorti għandha, b'żieda mal-pieni indikati f'dan is-sub-paragrafu, twaħħal multa oħra li tkun daqs il-valur tal-vettura bil-mutur.

Fil-kaz tar-reat kontemplat taht l-artikolu 3 tal-Kap. 104, ir-reat li kien mertu tas-sentenza tal-ghaxra (10) ta' Lulju 2018

kien it-tieni reat li qieghed isir. Konsegwentement il-ksur ta' dan l-istess artikolu fil-kawza odjerna ghandu jitqies li huwa t-tielet darba li qieghed jigi imwettaq dan ir-reat u ghalhekk isib applikazzjoni l-artikolu 3(2)(c) tal-Kap. 104.

Ghar-reat taht il-Kap. 15 (1)(a), il-legislatur jistabilixxi piena tal-multa ta' mhux anqas minn elf u mitejn ewro (€ 1,200) jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn sena.

In vista li l-imputat qieghed jinstab hati ta' diversi r-reati u pieni u dan in kwantu kemm dak li jirrigwarda l-kaz odjern kif wkoll dak li jirrigwarda l-kaz tal-ghaxra (10) ta' Lulju 2018, il-Qorti sejra wkoll izzomm f'mohhha dak li jistipula l-artikolu 17 tal-Kap. 9:

*"17. Fil-konkors ta' reati u ta' pieni, igħoddu d- dispożizzjonijiet li ġejjin: (b) persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż- żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien;*

*(f) persuna misjuba ħatja ta' aktar minn reat wieħed li għalih hemm pieni pekunjarji tingħata l-piena tal- multa jew ammenda ogħla jew tal-ogħla multa jew ammenda, skont il-każ, b'żieda ta' nofs kull waħda mill-multi jew ammendi l-oħra."*

D. **Ksur tal-Kundizzjonijiet tal-Helsien Mill-Arrest**

Fost il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li kienu gew imposti mill-Qorti Kriminali kien hemm li ma jigix kommess delitt iehor ta' natura volontarja waqt li l-imputat jkun mehlus mill-arrest. Huwa car li bis-sejbien ta' htija tal-imputazzjonijiet precedenti, l-imputat wkoll jigi li kiser wahda mill-kundizzjonijiet dwar il-helsien mill-arrest. Il-Qorti pero mhix konvinta li l-imputat kiser wkoll il-kundizzjoni relattiva ghall-indirizz fejn huwa qieghed jirrisjedi stante li ma ingabux provi sufficjenti dwar il-bdil ta' dan l-indirizz.

**Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-atteggjament tal-imputat li ma josservax kundizzjonijiet li gew imposti fuqu kif wkoll li ma josservax ordnijiet li gew moghtija lilu mill-Awtoritajiet Gudizzjarji jindikaw mhux biss nuqqas ta' rispett lejn l-istess Awtorita izda fihom infushom huwa messagg li l-istess imputat qieghed iqis ruhu 'l fuq mil-ligi u li jista' jaghmel li jrid u li hadd ma jista' ghalih. Dan assolutament mhux accettabbli. F'socjeta demokratika fejn kullhadd huwa sudditu tal-ligi u fejn is-saltna tad-dritt trid tigi rispettata, dan l-atteggjament mhux u ma jistax jkun permessibbli. Jekk kulhadd jadotta l-istess atteggjament tal-imputat u kulhadd jibda jaghmel li jrid, nispiccaw nghixu go gungla u tinqered l-fibra tal-ordni socjali tas-socjeta. Dan kollu sejjer jittiehed mill-Qorti fl-ikkalibrar tal-piena.**

**Din il-Qorti taghmilha cara li l-kondizzjonijiet imposti mill-Qrati meta tigi moghtija l-liberta' provizorja ghandhom dejjem jigu**

**osservati *ad litteram* u skrupolozament u ma ghandux jinghata lok ghal kavillar zejjed fl-interpretazzjoni taghhom meta jkunu cari w kategorici, kif inhi l-kundizzjoni tad-Digriet fuq imsemmi fejn l-imputat kien obbligat li ma jaghmilx reat iehor waqt iz-zmien ta' helsien mill-arrest. Lanqas ma ghandu jinghata lok li jigu accettati skuzi fil-komma biex wiehed jipprova jiggustifika l-ksur taghhom. F'dan il-kaz lanqas biss sar xi attentat biex tinghata raguni ghaliex inkisret din il-kundizzjoni imposta.**

Fejn tidhol il-piena li ghandha tigi imposta meta jkun hemm tali ksur, din hija stabbilita fl-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaghmilha cara li l-piena applikabbli hija dik ***"... ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta."***

E. **Ksur tal-Ordni Moghtija fis-Sentenza tal-Ghaxra (10) ta' Lulju 2018**

Din l-akkuza hija kompriza u involuta fit-tieni imputazzjoni li giet dedotta fil-konfront tal-imputat u ghalhekk qieghda issir piena riferenza ghall-kunsiderazzjonijiet gia maghmula minn din il-Qorti b'riferenza ghat-tieni imputazzjoni. Ghall-fini ta' piena din l-imputazzjoni sejra tigi assorbita fil-piena ghat-tieni imputazzjoni.

## F. Ir-Ricediva

Din l-akkuza wkoll tirrizulta ippruvata. Gew prezentati s-sentenzi li ghalihom hemm riferenza fil-fedina penali kif wkoll gie stabbilit li l-konnotati tal-imputat odjern jaqblu mal-istess konnotati indikati fl-istess sentenzi. Kienu inghataw fil-konfront tal-imputat kemm sentenza minn din il-Qorti kif preseduta kif wkoll sentenza mill-Qorti tal-Minorenni. Il-prova tal-identita tal-imputat vis-a-vis dawn iz-zewg sentenzi saret mill-Prosekuzzjoni. Il-Qorti ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-imputat odjern kien wkoll l-imputat fil-proceduri l-ohra li gew konkluzi. Mill-provi prodotti irrizulta wkoll li ghadu m'ghaddiex it-terminu impost mil-ligi biex l-akkuza tar-ricediva ma tirrizultax.

## G. Il-Konfiska tal-Vettura CAS 659

Il-Prosekuzzjoni qieghda titlob wkoll il-konfiska tal-vettura CAS 659 li intuzat ghat-twettiq tar-reat. Mill-provi prodotti irrizulta li din il-vettura originarjament kienet tghajjat lil Brian Abela u li imbaghad giet mibjugha lil Jason Zammit. It-trasferiment minn fuq Abela ghal Zammit ghadu ma sarx pero mhux kontestat li l-vettura illum hija ta' Jason Zammit.

L-artikolu li jirregola l-konfiska huwa l-artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali li jistabilixxi li: *"Il-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun*

*ġie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-liġi għad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-liġi, barra minn meta persuna, li ma tkunx ħadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti."*

B'riferenza ghall-artikolu 23(1), il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur M. Bayliss) Vs Boris Formosa** deciza fid-disgha (9) ta' Marzu, 2006 kienet qalet:

> *"Issa skont l-artrikolu 23 (1) tal-Kodici Kriminali, il-konfiska tal-corpus delicti, ta' l-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabilita mill- ligi ghad-delitt, ukoll jekk din il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi, barra minn meta persuna , li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti."*
>
> *Il-Prosekuzzjoni ccitat in sostenn tal-appell taghha s- sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Francis Aquilina et" [7.7.1995], fejn gie ritenut inter alia li l-konfiska tapplika awtomatikament anki fejn ikun inghata provvediment ta' liberazzjoni b' kundizzjoni taht il-Kap.152, wara l-emendi li kienu saru ghal dik il-ligi fil-1993 u li l-konfiska tal-vettura bhala*

*istrument li serva fil-kommissjoni tad-delitt hi wahda tassattiva li ma taghti lok ghall-ebda varjazzjoni.*

*Din il-Qorti fil-waqt li taqbel ma dak li hemm enuncjat fis- sentenza citata, tosserva li f' dak il-kaz ma jidhirx li gie investit il-punt fejn il-vettura uzata fil-kommissjoni tar-reat ma tkunx tal-hati imma fuqha jkun ghad hemm jeddijiet ta' xi persuna li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, kif jirrizulta li hu l-kaz prezenti.*

*Ghalkemm fir-rikors tal-appell l-Avukat Generali qaghad attent li ma jghidx li l-vettura kienet proprjeta' tal-appellat fiz-zmien tal-kommissjoni tad-delitt u llimita ruhu biss biex jghid testwalment: "illi fil-mument tas-sentenza l-istess vettura kienet proprjeta' tal-appellat", ma saret ebda prova ta' dan. L-ahhar prova dwar il-proprjeta' li saret fil-process kienet proprju dik li tohrog mix-xhieda ta' Jose' Abela w li tirrisali ghad-19 ta' Lulju, 2001, fejn intqal li l-vettura kienet ghadha tghajjat lil John Cassar. Illi ma saret ebda prova li John Cassar b' xi mod ha sehem fid-delitt ta' serq de quo. Lanqas ma saret il-prova li Cassar bejn id-19 ta' Lulju, 2001, meta kien qed jixhed Abela w d-data tas-sentenza appellata, kien*

*ittrasferixxa il-van lill-appellat, ghalkemm tali prova mhux necessarjament kienet tagevola lil-Avukat Generali.*

*Ghalhekk mill-provi prodotti jidher li fid-data tal-kommissjoni tar-reat ta' serq li l-appellat instab hati tieghu, l-vettura de quo ghalkemm kienet fil-pussess tieghu, kienet legalment ghadha tappartjeni lil John Cassar li kien ghadu ma thallasx il-prezz kollu miftiehem fuq it-trasfertiment tal-van u li konsegwentement kien ghad ghandu jedd fuq l-istess van.*

*Ghaldaqstant f' dan il-kaz il-konfiska ma tkunx wahda awtomatika w konsegwenzjali ghas-sejbien ta' htija, ghax dan hu proprju l-kaz fejn il-ligi fl-artikolu 23 (1) espressament teccettwa l-applikazzjoni konsegwenzjali w awtomatika tal-konfiska.*

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kienetx marbuta li tapplika l- konfiska tal-vettura kif qed jippretendi l-Avukat Generali w galadarba din kienet is-sitwazzjoni, din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet ohra biex hi tiddeciedi xorta' ohra.*"

Minn ezami tal-artikolu 23(1) u anke ta' dak riprodott fis-sentenza sucitata jirrizulta ghalhekk li hemm lok li l-konfiska tigi ordnata **jekk is-sid l-oggett ikun ha sehem fil-kommissjoni tad-delitt**.

Mill-atti processwali irrizultaw is-segwenti fatti:

(a) Fil-mument li Liam Debono kien qieghed isuq kien hemm prezenti mieghu l-hin kollu Jason Zammit, il-propjetarju tal-vettura;

(b) Jason Zammit kien konxju li Debono kien prekluz milli jsuq. Infatti fil-mument li kien qieghed isir l-arrest ta' Debono lil Zammit ingibditlu l-attenzjoni li Debono mhux suppost kien qieghed isuq. F'dan il-mument Zammit talab lill-Pulizija (u dan b'riferenza ghal Debono) biex ma jkissruhx ghaliex *"kull m'ghamel resaq bicca zghira"* ghax kienu *"fejn pompa tal-petrol . . . u baqa' jsuq."*[8] Apparti minn hekk meta kien qieghed jiddeponi l-istess Jason Zammit, jaghmilha cara li meta Debono saq vetturi ohra huwa qatt ma saqhom fit-triq izda fejn il-garaxx f'art privata. Dan juri kemm Zammit kien konxju tal-istess projbizzjoni imposta fuq Debono. Il-Qorti ghalhekk ma tistax ma tkunx konvinta li dak li kien qed isir kien qed isir bil-kunsens u l-piena akkwixxenza tal-istess Zammit.

[8] Ara xhieda ta' PC 1129 Adrian Elich.

(c) **<u>M'hemmx dubju ghalhekk li Zammit ha sehem fl-istess kommissjoni tar-reat stante li kien hu li ta l-kunsens tieghu biex Debono jsuq il-vettura</u>**. Ghalkemm f'dawn il-proceduri il-Qorti mhix imsejha biex tinvestiga xi htija jista' jkollu Jason Zammit fl-akkadut ghaliex l-istess Zammit mhuwiex imputat f'dawn il-proceduri, xorta jibqa' l-fatt li l-atti processwali qeghdin jindikaw li Zammit ippartecipa b'mod shih f'dak li kien qieghed isir u ma jidhirx li b'xi mod zamm lil Debono milli jkomplu jsuq. Anzi huwa ipprova jiehu lura l-kontroll tal-vettura meta hu u Debono indunaw li l-Pulizija kienu qeghdin warajhom.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u la darba rrizulta li sid il-vettura Jason Zammit ha sehem fil-kommissjoni ta' dan ir-reat, il-vettura CAS 659 ghandha tigi konfiskata.

- **<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikolu 3(1) u (2) tal-Kap. 104, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65, l-artikolu 7 u 23 tal-Kap. 446, u l-artikoli 23(1), 49, 50, 533 u 579(1), (2) u (3) tal-Kap 9 qieghda issib lill-imputat Liam Debono hati tal-imputazzjonijiet kollha li gew addebitati fil-konfront tieghu u qieghda:

(a) In kwantu għal kaz li wassal ghal dawn il-proceduri tikkundannah ghal **<u>sena prigunerija u multa komplessiva ta' sitt elef ewro (€6,000</u>**);

(b) In kwantu għad-dikjarazzjoni ta' htija li l-imputat wettaq reati matul il-perijodu ta' probation u ghalhekk kiser l-istess kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation moghtija lilu, il-Qorti sejra ghalhekk titratta miegħu għall- imputazzjonijiet li dwarhom hu kien gie impoġġi taħt din l-ordni ta' probation daqs li kieku għadu kemm ġiet dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li għal kull buon fini tikkonfermah ħati fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet tħassar l-ordni tal-probation magħmula bis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju 2018 u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(1) 298D u 334 tal-Kodiċi Kriminali, Artikoliu 3(1) tal-Kap 104 Artikolu 15(1),(a) tal-Kap 65, Regolament 44 (1) (4) tal-legislazzjoni sussidjarja 368.02 kif ukoll l-Artikoli 7, 18, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi Liam Debono għall-piena ta' **<u>tliet snin u nofs priġunerija u multa komplessiva ta' hamest elef ewro (€5,000);</u>**

(c) In kwantu ghad-dikjarazzjoni ta' htija li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tikkundannah ghal **<u>sitt xhur prigunerija</u>**;

**B'dan ifisser li l-ammont totali ta' prigunerija mogħtija b'din is-sentenza huwa ta' hames snin prigunerija flimkien ma' multa totali ta' hdax -il elf ewro (€11,000)**

Il-Qorti qieghda tilqa wkoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tirrevoka d-digriet tal-Qorti Kriminali datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru 2018 moghti mill-Imhallef Dr. Antonio Mizzi LLD fejn l-imputat kien inghata l-liberta provizorja u tordna r-rijarrest immedjat tal-imputat filwaqt li **tordna li s-somma ta' ghaxart'elef ewro (€10,000) moghtija bhala depositu u erbghin elf ewro (€40,000) moghtija bhala garanzija personali b'kollox hamsin elf ewro (€50,000) fid-digriet fuq imsemmi, li huma parti mill-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest, jghaddu favur l-Gvern ta' Malta immedjatament.**

Il-Qorti qieghda tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal kwalsiasi vettura ghall-perijodu ta' ghaxar (10) snin, liema perijodu ghandu jibda jiddekorri immedjatament hekk kif jispicca t-terminu ta' prigunerija imposta fuq l-imputat bis-sentenza tal-lum.

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputat Liam Debono sabiex a tenur tal-aritkolu 533 tal-Kodici Kriminali thallas l-ammont totali ta' hdax il-ewro u tnejn u erbghin centezmu (€ 11.42) rapprezentanti spejjez ta' esperti li gew inkorsi fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti qieghda wkoll tordna l-konfiska tal-vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni CAS 659 esebita formalment fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju 2019.

Il-Qorti tordna li invista ta' dak li rrizulta f'dan il-kaz li m'hemmx dubju li **Jason Zammit ha sehem fl-istess kommissjoni tar-reat stante li kien hu li ta l-kunsens tieghu biex Debono jsuq il-vettura**, tirrakomanda lill-Kummissarju tal-Pulizija biex ikompli l-istharrig dwar il-kaz u s-sehem li kellu Jason Zammit fih u jittiehdu passi kontrih ghal kull ksur ta' ligi li jista' jirrizulta.

Il-Qorti invista tal-fatti li rrizultaw waqt is-smiegh ta' dan il-kaz inkluz id-dokumentazzjoni esebita mill-ufficjali tal-Qorti **tirrevoka kull inkarigu li ghandha l-Probation Officer Carmen Naygaard mal-imputat Liam Debono.**

Fl-ahhar nett il-Qorti qieghda wkoll tordna li kopja tax-xhieda moghtija minn Kirsty Zammit fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Gunju 2019 kif wkoll kopja tax-xhieda ta' Jason Zammit moghtija fl-istess seduta tigi **komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija** sabiex issir **investigazzjoni dwar jekk l-istess Kirsty Zammit xehditx il-falz f'dawn il-proceduri u jekk fl-affermattiv sabiex l-istess Kummissarju imexxi skont il-ligi fil-konfront tal-istess Kirsty Zammit.**

Tordna li kopja ta' din s-sentenza tiġi **komunikata lir-Reġistratur tal-Qorti** u dan minħabba l-konfiski ordnati, kif ukoll **lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali** u **lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation u l-Parole** għal kull interess li jista' għandhom invista' ta' dak li rriżulta fejn kien hemm nuqqas serju lejn il-Qorti fejn ma ddaħħalx rapport fi żmien sitt xhur dwar l-andament tal-imputat invista tas-sentenza tal-10 ta' Lulju 2018 u għal fatt li l-Qorti ma kinetx infurmata li l-imputat kien instab posittiv għad-droga f'April 2019.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Maġistrat**